

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 460/2013

tas-16 ta' Mejju 2013

dwar id-dazju doganali minimu għaz-zokkor li għandu jiġi ffixsat bi tweġiba għat-tielet sejħa parzjali għall-offerti fil-qafas tal-proċedura tal-offerti li nfetħet bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 36/2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2013 <sup>(2)</sup> fetaħ sejħa permanenti għall-offerti għas-sena tas-suq 2012/2013 għall-importazzjonijiet taz-zokkor bil-kodiċi NM 1701 14 10 u 1701 99 10 b'dazju doganali mnaqqas.
- (2) B'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 36/2013, fid-dawl tal-offerti li jkunu waslu bi tweġiba għas-sejħa parzjali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li jew tiffissa dazju doganali minimu jew li ma tiffissax dazju doganali minimu għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri.
- (3) Abbażi tal-offerti li jkunu waslu għat-tielet sejħa parzjali għall-offerti, għandu jiġi ffixsat dazju doganali minimu għaz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 1701 14 10 u 1701 99 10.

(4) Sabiex jingħata sinjal malajr lis-suq u sabiex tkun żgurata għestjoni effiċjenti tal-miżura, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(5) Il-Kumitat ta' Għestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni tiegħu fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Għat-tielet sejħa parzjali għall-offerti fil-qafas tal-proċedura tal-offerti li nfetħet bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 36/2013, li fil-15 ta' Mejju 2013 skadielha l-limitu taż-żmien biex jitressqu l-offerti, ġie ffixsat dazju doganali minimu kif inhu stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament għaz-zokkor li jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 1701 14 10 u 1701 99 10.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 16, 19.1.2013, p. 7.

## ANNEX

**Dazji doganali minimi***(EUR/tunnellata)*

Kodiċi NM bi tmien ċifri	Dazji doganali minimi
1	2
1701 14 10	141,00
1701 99 10	161,00

(—) l-ebda dazju doganali minimu ffissat (l-offerti kollha ġew miċħuda)

(X) l-ebda offerta